MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 434/2003

**Dominic Palmier**

***Versus***

**Michael Falzon**

Din hija kawża b'rikonvenzjoni. L-attur qiegħed jitlob li tintraddlu karrozza li kien ħalla f'idejn il-konvenut biex dan jagħmlilha tiswijiet, u qiegħed jitlob ukoll danni għat-telf ta' użu tal-karrozza. Il-konvenut b'kontrotalba qiegħed jitlob ħlas għax-xogħol li għamel fuq il-vettura u għall-*parts* li bidel.

L-attur fisser illi hu ħalla l-vettura tiegħu, targata IBC 425, f'idejn il-konvenut biex dan jagħmlilha tiswijiet fil-makna. Billi iżda l-konvenut ma sewwiex il-makna l-attur ħadha għand l-aġent biex it-tiswijiet jagħmilhom dan. Wara li l-aġent sewwa l-ħsarat il-konvenut ħa l-karrozza mingħand l-aġent u irrifjuta li jroddha lill-attur qabel ma jitħallas għax-xogħol tiegħu, u dan għalkemm ma kienx seħħlu li jsewwi l-makna. Minħabba f'dan in-nuqqas tal-konvenut li jroddlu

l-karrozza, l-attur kellu jikri karrozza oħra u għadu jinqeda bil-karrozza mikrija.

Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenut biex iroddlu l-karrozza, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut iroddlu l-karrozza fi żmien qasir u perentorju;
2. tikkundanna lill-konvenut iħallas daqskemm tiswa l-karrozza jekk jonqos li jroddha f'dak iż-żmien;
3. tgħid illi l-konvenut għandu jwieġeb għad-danni li ġarrab l-attur meta dan kellu jikri karrozza oħra għaż-żmien li l-konvenut ċaħħdu mill-użu tagħha;
4. tillikwida d-danni li ġarrab l-attur; u
5. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien mal-ispejjeż tal-kawża.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. huwa kien notifikat biss biċ-ċitazzjoni u bid-dikjarazzjoni maħlufa, u ma ngħatax kopja tad-dokumenti – din il-kopja ngħatat lill-konvenut qabel ma beda s-smigħ tal-kawża u għalhekk ma huwiex meħtieġ illi nqisu aktar din l-eċċezzjoni;
2. it-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda għax il-konvenut għamel ix-xogħol li kellu jagħmel kif iridu l-arti u s-sengħa u mhux biss ma tħallasx tax-xogħol u tal-ispejjeż li għamel iżda wkoll baqa' bil-vettura tal-attur mitluqa għandu bi ħtija tal-attur waħdu.

Il-konvenut kompla jfisser illi hu għandu jieħu mingħand l-attur tax-xogħol li għamel fuq il-karrozza, tal-ispejjeż li għamel, kif ukoll talli ħallas lill-aġent li kien kompla jagħmel tiswijiet – b'kollox ħames mija u erba' liri u ħames ċenteżmi (Lm504.05), daqs elf, mija u erbgħa u sebgħin euro u tnax-il ċenteżmu (€1,174.12). Billi għalxejn sejjaħ lill-attur biex iħallas, il-konvenut b'rikonvenzjoni talab illi l-qorti tikkundanna lill-attur iħallas dik is-somma flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra interpellatorja tat-30 t'Ottubru 2002.

L-attur ressaq dawn l-eċċezzjonijiet għall-kontro-talba:

1. l-azzjoni tal-konvenut waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-art. 2148(*a*) tal-Kodiċi Ċivili;
2. l-attur ma għandu jagħti xejn lill-konvenut għax dan naqas milli jsewwi l-karrozza kif iridu l-arti u s-sengħa.

Il-fatti relevanti seħħew hekk:

Il-karrozza tal-attur ma kinitx taħdem u l-attur għalhekk talab lill-konvenut biex jaraha u jagħmel it-tiswijiet meħtieġa. Il-konvenut kien tal-fehma illi kellu jieħu l-karrozza fil-*garage* tiegħu biex jaħdem fuqha u l-karrozza għalhekk ittieħdet fil-*garage* tal-konvenut.

Wara li għamlilha xi tiswijiet u bidlilha xi *parts* iżda ra li l-karrozza xorta ma setgħetx taħdem, il-konvenut qal lill-attur illi x'aktarx illi l-ħsara kienet f'xi komponent elettroniku. Biex ikun magħruf sew x'kienet din il-ħsara kien meħtieġ apparat speċjali li l-konvenut ma kellux, u għalhekk lill-attur tah parir illi l-karrozza tittieħed għand l-aġent, li kellu dak l-apparat, biex isirulha t-tiswijiet meħtieġa. Dan kien xi xahar jew xahrejn wara li l-konvenut kien ħa l-karrozza.

L-attur qabel li dan isir u għalhekk il-karrozza ttieħdet għand l-aġent. L-attur talab lill-konvenut jagħtih il-kont – bil-ħsieb li "jaqta' minn miegħu" – iżda meta l-konvenut bagħatlu kont għal mitejn u tmienja u tletin lira u disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm238.29) – daqs ħames mija u ħamsa u ħamsin euro u seba' ċenteżmi (€555.07) – l-attur billi deherlu li l-kont kien wisq meta tqis li l-karrozza baqgħet ma taħdimx ma riedx iħallas u b'ittra tal-avukat tal-11 ta' Lulju 2002[1] għarraf lill-konvenut illi "għandu dritt illi huwa jieħu xogħol sewwa u f'dak il-punt iħallas il-kont".

Meta ra hekk, il-konvenut mar għand l-aġent u, meta dan sewwa l-karrozza u bdiet taħdem, il-konvenut ħallsu, ħa l-karrozza u ma riedx iroddha lill-attur qabel ma dan iħallas kemm għax xogħol li għamel il-konvenut stess u kemm il-kont tal-aġent li ħallsu l-konvenut.

Imbagħad l-attur fetaħ il-kawża.

Naraw l-ewwel jekk il-konvenut kellux jedd jippretendi ħlas jew għamilx tajjeb l-attur li ma ħallasx. Il-konvenut jippretendi ħlas għax-xogħol u l-ispejjeż li għamel waqt illi l-attur ma jridx iħallas għax igħid illi l-konvenut ma għamilx xogħol sew, ladarba l-karrozza xorta baqgħet ma taħdimx u kellha tittieħed għand l-aġent biex tissewwa.

Sabiex igħinha tara jekk ix-xogħol magħmul mill-konvenut sarx sew jew le l-qorti b'dikriet tat-28 ta' Ġunju 2007[2] u

1 *Fol.* 45.

2 *Fol.* 73.

b'dikriet ieħor tat-18 t'Ottubru 2007[3] ħatret espert tekniku u dan irrelata fit-22 ta' Frar 2008[4].

Il-karrozza tal-attur kellha ħsarat kemm mekkaniċi kif ukoll elettriċi. L-espert sab illi l-konvenut kien għamel xogħol fuq is-*cylinder head gasket*; seta' jara, mill-*parts* il-qodma li bidel il-konvenut, li dawn ix-xogħlijiet kienu meħtieġa u seta' jara wkoll illi dawn ix-xogħlijiet fuq is-sistema mekkaniku saru sew. Il-fatt illi l-karrozza xorta baqgħet ma ħadmitx wara li saru dawn ix-xogħlijiet ma jfissirx li x-xogħlijiet ma sarux sew għax, kif rajna, il-karrozza kellha wkoll ħsarat fis-sistema elettriku.

Il-konvenut bidel l-i*sparking plugs* iżda dawn ma solvewx il-problema. Il-konvenut għalhekk ikkonkluda illi l-ħsara kienet f'xi komponent elettroniku u, billi ma kellux mezzi tekniċi biex jara kienx hemm ħsara fil-komponenti elettroniċi, ħa l-karrozza għand l-aġent, bil-kunsens tal-attur. Mill-kont tal-aġent[5] jidher illi ma nbidel ebda komponent elettroniku: inbidlu biss xi *filters* u *breather hose*, reġgħu nbidlu l-i*sparking plugs* u nbidel il-*high tension cable*, li b'kollox jiswew, bit-taxxa, ftit inqas minn tnejn u erbgħin lira (<Lm42) jew madwar tmienja u disgħin euro (≈€98).

Dan juri, fil-fehma tal-espert li wkoll taqbel miegħu l-qorti, li l-konvenut ma għamilx ix-xogħlijiet li kellu, u li seta', jagħmel hu qabel ma fittex is-soluzzjoni aktar għalja li jieħu l-vettura għand l-aġent. Qal li ma bidilx il-*high tension cable* u l-komponenti mekkaniċi u elettriċi l-oħra biex ma jżidx l-ispejjeż. Dan il-ħsieb ma kienx żammu milli jbiddel l-i*sparking plugs*, iżda żammu mili jibdel il-*high tension wires* li fil-fehma tal-espert tekniku "huma parti integrali mill-istess *sparking plugs*" u kienu "il-kaġun tan-nuqqas ta' *start*jar tal-makna"[6]. F'kull każ, il-komponenti l-oħra li bidel l-aġent ma kinux sejrin ikunu spejjeż moħlija: il-*filters* f'kull każ jinbidlu regolarment u, li kieku sab li d-difett ma kienx fil-*high tension cable*, dan ukoll ma kienx jinħela għax seta' jintuża fuq karrozza oħra jew jinżamm biex meta jasal żmienu jinbidel.

---

3 *Fol*. 114.

4 *Foll*. 163 et *seqq*.

5 *Fol*. 46.

6 *Fol*. 189.

Għalhekk, il-konklużjoni tal-espert tekniku – li l-qorti taqbel magħha – kienet din:

Fil-fehma tal-esponent kien nuqqas tal-konvenut li ma għarafx isib id-difett tan-nuqqas tal-i*start*jar tal-makna kemm qabel iddaħħlet għandu għat-tiswija kif ukoll wara li huwa għamel tiswijiet irrelevanti mis-sistema tal-i*start*jar. Illi fil-fehma tal-esponent din il-vettura ma kellhiex għalfejn tiddaħħal biex tiġi *start*jata għand … … … l-aġenti tal-vettura.[7]

Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi, għalkemm il-konvenut jistħoqqlu ħlas tax-xogħol li kien għamel sew, u wkoll tal-komponenti li nbidlu mill-aġent – ħlief għall-i*sparking plugs* li nbidlu darbtejn, x'aktarx għax il-konvenut ma għarrafx lill-aġent li kien ġà bidilhom – ma jistħoqqlux ukoll li jintraddlu dak li ħallas lill-aġent għal *mechanical work*. Tassew illi kien bil-kunsens tal-attur li l-konvenut ħa l-vettura għand l-aġent, iżda dan kien biss għax l-attur qagħad fuq il-kelma tal-konvenut billi l-attur ma jifhimx u huwa l-konvenut li jifhem fil-materja.

L-attur għalhekk għandu jieħu mitejn u tmienja u tletin lira u disgħa u tletin ċenteżmu (Lm238.39) tax-xogħol li għamel hu u tmienja u tletin lira u wieħed u erbgħin ċenteżmu (Lm38.41) tal-komponenti li bidel l-aġent, neqsin l-i*sparking plugs* u miżjuda t-taxxa: b'kollox mitejn u sitta u sebgħin lira u tmenin ċenteżmu (Lm276.80) jew sitt mija u erbgħa u erbgħin euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€644.77).

Ngħaddu issa għall-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenut. L-eċċezzjoni saret taħt l-art. 2148(*a*) tal-Kodiċi Ċivili:

**2148.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' tmintax-il xahar:

(*a*) l-azzjonijiet … … … ta' persuni … … … li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz ta' l-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;

Ix-xogħol u l-ispejjeż kollha li kien għamel il-konvenut kienu saru mhux aktar tard mill-11 ta' Lulju 2002, meta, kif rajna, l-attur kien irċieva l-kont u l-avukat tiegħu kiteb lill-konvenut biex igħidlu illi l-attur kien sejjer iħallas meta "jieħu xogħol sewwa". Il-konvenut kompla għamel spejjeż

[7] *Foll.* 184 et *seq.*

biex ħallas lill-aġent, u dawn l-ispejjeż kien ħallashom fid-19 t'Awissu 2002, kif tixhed ir-riċevuta[8] maħruġa mill-aġent. Għalhekk il-konvenut seta' jfittex għall-ħlas minn dakinhar, u minn dakinhar ukoll bdiet għaddejja kontrieh il-preskrizzjoni li, jekk ma kienx hemm ksur jew twaqqif, għalqet tmintax-il xahar wara, fid-19 ta' Frar 2004. Ir-rikonvenzjoni saret bin-nota tat-30 ta' Ġunju 2005[9].

Il-kwistjoni għalhekk hija jekk kienx hemm ksur jew twaqqif tal-preskrizzjoni. Ma sar ebda att ġudizzjarju mill-konvenut qabel ir-rikonvenzjoni, u għalhekk kull ma hemm li seta' jżomm il-preskrizzjoni kien il-fatt li l-konvenut żamm il-karrozza f'idejh, bis-saħħa ta' *ius retentionis* li ippretenda li għandu.

Mela rridu naraw qabel xejn jekk il-konvenut kellux *ius retentionis* u, jekk iva, jekk il-*ius retentionis* jiksirx u jwaqqafx il-preskrizzjoni.

Għalkemm fid-dottrina hemm dibattitu dwar jekk il-*ius retentionis* jingħatax biss fil-każijiet espressament imsemmija fil-liġi jew jingħatax ukoll f'każijiet oħra b'analoġija, is-sentenzi jaqblu ma' dik l-interpretazzjoni li tgħid illi hemm dak il-jedd kull meta min għandu f'idejh ħwejjeġ ħaddieħor "*abbia fatto per la cosa posseduta una spesa, della quale ha il diritto di reclamare il pagamento dal propretario*"[10], basta hemm *debitum cum re iunctum* – li d-dejn inħoloq għax saru spejjeż fuq il-ħaġa nfisha – u li d-dejn għall-ħlas tal-ispejjeż u l-obbligu tar-radd tal-ħaġa nħolqu mill-istess fatt jew negozju.

Fil-każ tallum seħħew dawk il-kondizzjonijiet: id-dejn huwa *cum re iunctum*, għax l-ispejjeż saru fuq il-karrozza miżmuma mill-konvenut, u l-obbligazzjoni tal-attur għall-ħlas tal-ispejjeż u dik tal-konvenut għar-radd tal-vettura nħolqu mill-istess negozju, meta l-attur ħalla l-karrozza f'idejn il-konvenut biex dan jagħmel xogħol fuqha. Mela ladarba għadu ma tħallasx għax-xogħol u l-ispejjeż li għalihom jistħoqqlu ħlas, il-konvenut għandu *ius retentionis* fuq il-karrozza sakemm jitħallas.

---

8 *Fol*. 46.

9 *Foll*. 38 *et seqq*.

10 Zachariae, Vol II pag. 59; ara Saviour Attard *versus* Anthony Vella, Prim'Awla, 20 t'Ottubru 2005.

Konsegwenza ta’ dan huwa illi t-talbiet tal-attur għad-danni ma jistgħux jintlaqgħu. Meta l-konvenut żammlu l-karrozza għax ma ħallsux, il-konvenut kien qiegħed jinqeda bil-jedd tiegħu fil-qies li jmiss, u għalhekk ma jweġibx għad-danni[11]. Tasssw illi, kif rajna, il-konvenut kien qiegħed jippretendi ħlas aktar milli jistħoqqlu, iżda l-attur lanqas tax-xogħol li għamel il-konvenut ma ried iħallas. Tassew ukoll illi l-konvenut, kif rajna, naqas meta kompla jżid l-ispejjeż billi jieħu l-karrozza għand l-aġent, iżda meta l-karrozza ġiet taħdem ma kien fadal xejn li jiġġustifika lill-attur fir-rifjut tiegħu li jħallas dak li kien dovut. Il-qorti kienet tħares lejn il-każ f’dawl ieħor li kieku l-attur offra u iddepożita dak li kellu jħallas, iżda dan id-depożitu ma sarx.

Naraw issa l-effett tal-*ius retentionis* fuq il-preskrizzjoni.

Il-*ius retentionis*, bħar-rahan u l-ipoteka, huwa jedd aċċessorju u għandu jintemm meta jintemm il-jedd ewlieni. Iżda l-eżistenza ta’ dawk il-jeddijiet aċċessorji jżommu lill-preskrizzjoni milli tgħaddi, biex hekk il-kreditu ewlieni ma jaqax bil-preskrizzjoni? Fil-każ ta’ ipoteki hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi[12] li tgħid illi t-tiġdid ta’ iskrizzjoni ipotekarja mill-kreditur ma jiksirx il-mixi tal-preskrizzjoni; il-konsegwenza għalhekk hija illi wkoll waqt li hemm ipoteka fis-seħħ il-preskrizzzjoni tibqa’ miexja kontra l-kreditur. Fil-każ ta’ rahan ma hemmx dispożizzjoni espressa bħal dik u, minkejja l-fatt illi kemm rahan u kemm ipoteka huma jeddijiet aċċessorji, is-sentenzi jgħidu illi, fil-każ ta’ rahan, hemm sospensjoni tal-preskrizzjoni: “*… … … la detta prescrizione … … … non può invocarsi dal citante in appoggio della detta sua domanda, trattandosi di un suo debito con pegno, il quale non può dirsi prescritto finchè sussiste il pegno, perchè tacitamente intanto riconosciuto*”[13]; “*……… il possesso del pegno da parte del creditore è una causa d’interruzione della prescrizione del credito assicurato col pegno, poichè col mezzo di tale possesso il debitore ed i suoi eredi rinnovano continuamente la ricognizione del*

---

11 Art. 1030, Kod. Ċiv.

12 Art. 2056, Kod. Ċiv.

13 George Raines *versus* Williiam Jemison Smith *nomine*, App. Kumm. 14 t’Ottubru 1868, Vol. IV, n. 144, pp. 218 *et seq*.

*debito*"[14]; "*Egli è vero che secondo il ius receptum il debitore nell'atto di dare un pegno al creditore riconosce il suo debito, e finchè il pegno rimane in possesso del creditore pendeva una ricognizione continua che sospende la prescrizione. Il quale principio ebbe origine dal diritto romano, statuendo la legge 7, 8, 5 «de præscript. etc. (VIII 39): Si quis eorum, quibus aliud debetur res sibi suppositas sine violentia tenuerit, [per] hanc detentionem interruptio fit præteriti temporis … … … cum litis contestationem imitatur ea debentis.»*"[15].

Dawn is-sentenzi kollha jqisu illi r-raġuni tas-sospensjoni ġejja għax id-debitur, meta minjeddu ta l-ħaġa lill-kreditur biex tagħmel tajjeb għad-dejn, qiegħed kull waqt jagħraf id-dejn sakemm iħalli l-ħaġa f'idejh. Dan igħodd fil-każ tar-rahan, iżda mhux fil-każ tal-*ius retentionis*, meta l-konsenja tal-ħaġa ma saritx biex tagħmel tajjeb għad-dejn; f'dan il-każ il-kreditur jibqa' jżomm il-ħaġa mhux bil-kunsens tad-debitur – *sine violentia* – iżda kontra r-rieda tiegħu, għax il-konsenja saret biex il-ħaġa jsir xogħol fuqha mhux biex tinżamm biex tagħmel tajjeb għad-dejn.

Tassew illi hemm sentenza oħra[16] li tgħid illi r-raġuni tas-sospensjoni hija illi "*vi è sempre una continua attività da parte del creditore sui beni del debitore*", iżda dak l-argument sar f'kuntest ta' rahan li kien iħalli frott li kien jieħdu l-kreditur bi tpaċija mal-imgħaxijiet tal-kreditu tiegħu, li ma huwiex dejjem il-każ.

Huwa minnu wkoll illi d-dottrina, jew għallinqas parti sew minnhha, tqis illi l-*ius retentionis* bħar-rahan tissospendi l-preskrizzjoni[17]. Madankollu, il-qorti hija tal-fehma illi l-analoġija bejn ir-rahan u l-*ius retentionis* hija nieqsa fil-fattur li huwa relevanti għall-għanijiet tal-preskrizzjoni, *i.e.* li l-konsenja tal-ħaġa ssir mid-debitur minjeddu *biex tagħmel tajjeb għad-dejn*. Ma jistax jingħad illi hemm

---

14 Henry Caruana *versus* Dr Filippo Pullicino *et*, Prim'Awla, 15 ta' Lulju 1909, Vol. XX-II-510.

15 Dr Filippo Pullicino *versus* Salvatore Griscti *nomine*, App. Kumm. 14 ta' Novembru 1927, Vol. XXVI-I-200.

16 John Louis Francia *nomine versus* Marianna Zammit *et*, Kumm. 11 ta' Mejju 1933, Vol. XXVIII-III-1161.

17 Ara Baudry-Lacantinerie, De Loynes, *Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile (Vol. XXV) – Del Pegno, Dei Privilegi, Delle Ipoteche Vol. I*, n. 250, p. 343.

għarfien kull waqt meta l-ħaġa qiegħda tinżamm, għalkemm leġittimament, kontra r-rieda tad-debitur.

Għalhekk l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni għandha tintlaqa'.

Dan iżda ma jfissirx illi l-konvenut għandu jrodd il-vettura jekk ma jitħallasx; ma għandux jedd ta' azzjoni għall-ħlas iżda jista' jilqa' b'eċċezzjoni t-talba għar-radd tal-vettura għax *quæ temporalia sunt ad agendum perpetua sunt ad excipiendum*. Għalhekk, fil-waqt illi l-qorti sejra tiċħad it-talba tal-konvenut għall-kundanna għall-ħlas, sejra tilqa' t-talba tal-attur għar-radd tal-vettura iżda biss bil-kondizzjoni li fl-istess waqt l-attur iħallas sitt mija u erbgħa u erbgħin euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€644.77) lill-konvenut.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' l-kawża:

1. tilqa' l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-attur, u għalhekk tiċħad il-kontro-talba tal-konvenut;
2. tiċħad it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tal-attur;
3. tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut irodd lill-attur il-karrozza msemmija fiċ-ċitazzjoni iżda biss jekk, fl-istess waqt, l-attur iħallas lill-konvenut sitt mija u erbgħa u erbgħin euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€644.77);
4. ma tqisx it-tieni talba;
5. tordna illi l-ispejjeż jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------